**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 27 ta' Marzu 2019**

**Talba Nru: 561/17 CZ**

**Citadel Insurance plc (C-21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Christopher Poulton, bil-polza u bil-Ligi, u l-istess Christopher Poulton**

**vs.**

**Ylenia Carabott**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fil-21 ta' Dicembru 2017 li biha ppremettiet:

1. Illi l-konvenuta, qua sid u/jew il-persuna responsabbli ghall-kelb in kwistjoni, hija responsabbli ghall-incident li sehh fl-20 ta' April 2015 fil-Park and Ride tal-Furjana, meta ppermettiet il-kelb taghha u/jew li kienet qed tiehu hsiebu jigri minghajr cinga u/jew tilfet il-kontroll tieghu, b'dan illi l-istess kelb gera

quddiem il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBU-094 assigurata mis-socjeta` attrici u kkawza incident li fih l-istess vettura soffriet danni;

2. Konsegwentement, li l-istess konvenuta tigi kkundannata thallas id-danni sofferti mill-mittenti, li jammontaw ghal Euro 875.48, konsistenti f'Euro 55 rapprezentanti excess imhallsa mill-attur Christopher Poulton, u Euro 820.48 imhallsa mis-socjeta` attrici;

3. Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali intavolata fit-30 ta' Dicembru 2015, u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-att sad-data tal-pagamenti effettiv, kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fid-29 ta' Jannar 2018, il-konvenuta eccepiet:

1. Illi t-talba rikorrenti hija infondata fi-fatt u fid-dritt stante illi l-incident de quo gie kkawzat minhabba tortijiet imputabbli lir-rikorrent li kien qed isuq il-vettura b'velocita' eccessiva, bi traskuragni u b'nuqqas ta' attenzjoni u diligenza kif ser jirig ampjamant ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa wiehed eccessiv u esagerat.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Colin Borg Gingell[1], Christopher Poulton[2], PC 610 Mark Anthony Spiteri[3], Natalino Agius[4], u l-konvenuta[5].

Ikkunsidra:

Illi jehtieg l-ewwel jigi stabbilit kif sehh l-incident in kwestjoni, sabiex tigi stabbilita r-responsabbilta' ghall-incident.

[1] Fol. 39
[2] Fol. 43, u in kontro-ezami fis-seduta tal-10 ta' Dicembru 2018
[3] Fol. 68
[4] Fol. 74
[5] Fol. 79

Illi s-sewwieq tal-vettura in kwestjoni, Christopher Poulton qal li kien hiereg minn parking, u filwaqt li kien hiereg hareg kelb minn wara struttura tal-hadid u gebel. Ix-xhud ma rax dan il-kelb qabel l-incident, u qal ukoll illi dan il-kelb kien akkumpanjat izda mhux bic-cinga. Ra lill-kelb u inqas minn sekonda wara hass id-daqqa. Id-daqqa ttiehdet fuq quddiem, fil-lemin. In kontro-ezami, mistoqsi jekk setax kien li l-kelb kellu kullar u cinga, qal li jista' jaghti l-kaz li kellu, imma hadd ma kien qed izomm ic-cinga. Lanqas ma jiftakar jekk il-konvenuta telqitx minn fuq il-post izzomm il-kelb mic-cinga. Mistoqsi jekk kienx ghaddej b'velocita' ta' tletin kilometru fis-siegha, ix-xhud ma cahadx izda qal li ma jahsibx. Qal ukoll illi qatt ma ra tabelli, fil-parking, li jirrestringu l-velocita' ghal hmistax-il kilometru fis-siegha.

Illi l-konvenuta, min-naha l-ohgra, qalet illi dak il-hin ta' l-incident hija kienet qed taqsam it-triq biex tmur lejn il-bankina. Lix-xufier ghamlitlu sinjal biex inaqqas, izda ma naqqasx. Hi kienet qed izzomm lill-kelb mic-cinga, cinga li fiha xi zewg (2) metri. Meta kienet qed taqsam, il-kelba kienet boghod minnha xi metru, u ppruvat tigbidha mic-cinga u ma rnexxilhiex. Tixhed ukoll illi fil-parking hemm tabelli li juru li l-velocita' massima ghandha tkun ta' hmistax-il kilometru fis-siegha. Qalet li l-kelba kienet dejjem maghha. Cahdet li lil Poulton kienet qaltlu li ha thallaslu l-hsarat.

Illi mix-xiehda tas-surveyour Natalino Agius jirrizulta illi bit-tip ta' habta u hsara li rrizultat, il-vettura kienet qed tinstaq b'madwar tletin kilometru fis-siegha jew aktar. Dan peress illi jekk il-karozza tinstaq sa ghaxar kilometri fis-siegha, ma ssirx hsara mal-habta. Dan ix-xhud spjega wkoll il-hsara x'kienet u t-tiswijiet li kien hemm bzonn.

Illi biex wiehed jasal ghat-tort f'dan il-kaz, hemm ukoll kwistjoni ta' kredibilita'. Filwaqt li s-sewwieq wiegeb li mhux cert ghall-fatt jekk il-kelba kellhiex cinga, wiegeb li kien konvint li l-kelba ma kinitx qed tinzamm fuq cinga. It-Tribunal isib haga bhal din difficli titwemmen, anke ghaliex fi kliem l-istess sewwieq, huwa ra lill-kelb u mall-ewwel hass il-habta. Ghalhekk huwa pjuttost difficli wiehed jemmen

kif dan il-kelb rah ghal inqas minn sekonda u stabbilixxa, f'hin daqshekk qasir, illi l-kelb ma kienx qed jinzamm minn cinga. Lanqa ma jara verosimili t-Tribunal li s-sewwieq jghid b'certezza li l-kelb ma kienx mizmum minn cinga, meta mbaghad ma kienx cert jekk il-kelb kellux kullaru cinga mieghu. It-Tribunal jara iktar verosimili l-verzjoni tal-konvenuta, fis-sens illi l-kelb kienet qed izzommu mic-cinga, izda hi ma felhitx ghall-gbid tieghu, bil-konsegwenza li dan hareg ghal nofs it-tiq.

Illi t-Tribunal lanqas ma jemmen li s-sewwieq kien qed isuq bil-velocita' li hija permessa fil-parkegg (hmistax –il kilometru fis-siegha), izda b'velocita' akbar. Dan anke wara li t-Tribunal qies ix-xiehda tas-surveyor, prodott mis-socjeta' attrici stess, illi xehed dwar kemm jistma li kienet il-velocita' tal-karozza in kwestjoni, u stabbilixxa velocita' li zgur taqbel il-velocita' massima.

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' jisma' lix-xiehda jixhdu bil-fomm, u jara li l-konvenuta kienet aktar konsistenti fix-xiehda taghha u l-verzjoni taghha hija aktar verosimili. Dan ma jfissirx li l-konvenuta kienet f'pozizzjoni ideali fil-hin ta' l-incident, tant li, kif xehdet hi stess, kienet qed tipprova taqsam biex tmur fuq il-bankina, haga li idealment messha ghamlet mill-bidu tat-triq, u mhux meta kienet qrib l-istruttura in kwestjoni, li kollox ma' kollox kienet qed ittellef il-vizwal shih tat-triq lis-sewwieq. Kien forsi dan l-uniku nuqqas tal-konvenuta f'dan ir-rigward. Di piu', kemm-il darba l-kelba in kwestjoni kienet tat-tip li setghet iggebbed b'sahha minghajr ma l-konvenuta tlahhaq mal-gibda taghha, kellha tara dan kollu qabel biss tohrog biha fil-karozzi, biex il-konvenuta tkun zgura li ha tkun kapaci tikkontrolla l-istess.

Illi a bazi ta' dan kollu, it-Tribunal qieghed jistabbilixxi r-responsabilta' ta' l-incident in kwantu ghal 55% ghas-sewwieq u 45% ghall-konvenuta. Kwantu ghall-ispejjez minfuqa ghat-tiswijiet, it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ispejjez huma ragonevoli u mhux esagerati, u dan wara li sema' x-xiehda tas-surveyor li indika x'tiswijiet kien hemm bzonn.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ parzjalment l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, jichad it-tieni eccezzjoni, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici hamsa w erbghin fil-mija (45%) ta’ l-ammont pretiz, u cioe’ tliet mija u tlieta u disghin Euro u sebgha u disghin centezmu (€393.97) bl-imghax mid-data tal-prezentata ta’ din il-kawza sal-hlas effettiv. L-ispejjez, kif mitluba, jithallsu kwantu ghal hamsa w hamsin fil-mija (55%) mill-atturi u hamsa w erbghin fil-mija (45%) mill-konvenuta.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu’

Deputat Registratur